# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 208/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Busuttil**

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Paul Busuttil, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 519440M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

1. Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol ġie akkużat talli nhar l-20 t'Awwissu, 2015 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel fi Triq in-Nassaba, Safi fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir xogħol naqas milli jaħtar supervisor għall-proġett

għall-istadju ta' disinn u supervisor tal-proġett għall-istadju tal-kostruzzjoni;

2. ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas illi jikkomunika avviż bil-quddiem lill-Awtorita' tal-anqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol. Ġaladarba jibda xi attivita' ta' xogħol fuq il-proġett, kopja tal-avviż bil-quddiem għandha tkun esposta b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bżonn din għandha tkun aġġornata perjodikament;

3. ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas li jiżgura li qabel ma jibda x-xoghol fuq is-sit ta' kostruzzjoni, isir pjan ta' saħħa u sigurta'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-20 t' April, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha w kkundannatu multa ta' tmien mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Busuttil, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 t' April, 2016, li permezz tieghu talab it-thassir tas-sentenza appellata u konsegwentement li jkun liberat minn kull ħtija u piena skont il-liġi u sussidjarjament, ir-riforma tas-sentenza billi tirriduċi l-piena u tapplika piena inqas gravuza;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jistghu ikunu sintettizati kif ġej. L-appellant huwa sid tal-post fi stat ta' kostruzzjoni u wara li tlestiet il-qoxra fis-sena 2008 ma sar ebda xogħol iehor minn dakinhar u ghalhekk thalla fi stat ta' gebel u saqaf. Fl-20 t'Awwissu 2015 konsenja ta' sollijiet tal-irħam destinata ghal dan il-fond kienet ser tibda tinhatt fis-sulari ta' fuq izda dak il-hin għaddew xi spetturi tas-Sigurta' li waqqfu lill-ħaddiema meta raw li dawn ser iħottu l-irħam għaliex l-irħam kien ser jinħatt bil-high up għal ġewwa gallerija mikxufa. Fuq struzzjonijiet tal-ispetturi il-ħatt sar ġewwa l-garage fil-livell ta' triq. L-ispetturi taw struzzjonijiet biex ma jsir ebda xogħol sakemm jittieħdu passi li jiżguraw is-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Ġħaxart ijiem wara l-Awtorita' ħarġet l-awtorizzazzjoni sabiex jitkompla x-xogħol wara li, fuq talba tal-appellant, iccertifikaw li kollox kien skond il-ligi;

2. L-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-imputazzjonijiet huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sitt snin skont l-artikolu 38(9) tal-Kap 424 stante li ma kien sar ebda xoghol mill-2008 'l quddiem. Illi fl-Avviż Legali 281/2004, sit ta' kostruzzjoni tfisser: "*kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I.'* Fost dawn ix-xogholijiet, elenkati b'mod mhux ezawrenti insibu Tħaffir, Xogħlijiet fl-art, Bini, Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati, Konverżjoni jew iffittjar, Alterazzjonijiet, Rinnovament jew restawr, Tiswijiet, **Ħatt,** Twaqqigħ, Manutenzjoni fi stat tajjeb, Manutenzjoni - żebgħa u tindif u Drenaġġ. Il-hatt ta' dan l-irham fil-jum indikat fl-imputazzjoni

certament li jaqa' fid-definizzjoni ta' kostruzzjoni u f'dan il-kaz, il-hatt kien mahsub li jsir fis-sulari ta' fuq meta ma kienx hemm ilqugh fit-tarag u fil-gallarija minn fejn kien ser jitwassal permezz tal-*crane*;

3. Ikun ghalhekk inutili kunsiderazzjoni dwar jekk l-imputazzjoni tirreferix ghall-dak il-perjodu mis-sena 2008 'l quddiem li fih kien hemm inattivita fil-fond anke jekk kien ghadu gebel u saqaf. L-azzjoni tal-appellant tinkwadra bhala kostruzzjoni u l-ligi li hija intiza biex thares is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol rrizultat, skond l-ispetturi tad-dipartiment, miksura anke jekk kienu huma li waqqfu l-konsenja u ordnaw li tinhatt fil-garage li kien jinsab fil-livell tat-triq. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tkun michuda;

4. L-appellant jargumenta ukoll illi dan kien xoghol zghir u mhux binja ta' hafna sulari. Il-hatt tal-irham certament ma kienx ser jiehu aktar minn 500 siegha u li ghalhekk skond ir-regolament 4 tal-AL 281/04 ma kienx mehtieg l-avviz preordinat u li bih kien imputat l-appellant. Ezaminat id-dispost tal-ligi in kwistjoni, kien xorta wahda jinkombi fuq l-appellant li jottjeni dik l-awtorizzazzjoni preventiva li jissokta bil-*kostruzzjoni* wara li jkun accertat li din mhix ser teccedi aktar minn 500 siegha. Kif jiddemostraw il-provi, ma kienitx l-intenzjoni tal-appellant li jahzen dan l-irham fil-garage ta' din il-binja biex xi darba jkompli bil-kostruzzjoni ghaliex jiem wara dan l-incident hu ottjena il-*fiat* tad-dipartiment ghat-tkomplija tant li kkompleta il-kisi tat-tarag bl-irham f'affari ta' ftit gimghat;

5. Ghar-rigward tal-aggravju in subsidium dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti huwa ormai ben stabbilit illi din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm ma jkunx demostrat li din kellha tkun aktar jew anqas minn dik fil-fatt kominata. U dan huwa kaz fejn il-piena tirrientra fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex

ghandha tiddisturba dik il-parti tas-sentenza appellata kwantu l-piena kominata;

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.